2011/0314(CNS)

10.5.2012

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (tfassil mill-ġdid)
(COM(2011)0714 – C7-0516/2011 – 2011/0314(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Ildikó Gáll-Pelcz

(Tfassil mill-ġdid – Artikolu 87 tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA..... 10

ANNESS: ITTRA LILL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI..... 11

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI 13

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (tfassil mill-ġdid)
(COM(2011)0714 – C7-0516/2011 – 2011/0314(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni – tfassil mill-ġdid)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0714),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0516/2011),

– wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali[1],

– wara li kkunsidra l-ittra tas-6 ta' Marzu 2012 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji b'konformità mal-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0000/2012),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi ta' l-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

[1] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali;

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti kienet emendata bosta drabi. Peress li għandhom isiru iktar emendi, din għandha tiġi rriformulata fl-interessi taċ-ċarezza.	(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti kienet emendata bosta drabi. Peress li għandhom isiru iktar emendi, din għandha tiġi rriformulata fl-interessi taċ-ċarezza. ***Fid-19 ta' April 2012, il-Parlament Ewropew talab li jkun hemm mezzi konkreti biex tingħeleb il-frodi fiskali u l-evażjoni fiskali, filwaqt li ġibed l-attenzjoni għall-evażjoni fiskali permezz ta' strumenti finanzjarji ibridi, u talab lill-Istati Membri jiżguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni mingħajr problemi bejn is-sistemi fiskali tagħhom sabiex jiġu evitati non-tassazzjoni u evażjoni fiskali mhux mixtieqa.***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-tneħħija ta' tassazzjoni fuq il-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties fl-Istat Membru fejn iqumu, sew jekk miġburin permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, hija l-mezz l-aktar approprjat sabiex ikunu eliminati l-formalitajiet u l-problemi imsemmija qabel	(4) It-tneħħija ta' tassazzjoni fuq il-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties fl-Istat Membru fejn iqumu, sew jekk miġburin permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, hija l-mezz l-aktar approprjat sabiex ikunu eliminati l-formalitajiet u l-problemi imsemmija qabel

u sabiex ikun assigurat it-trattament tat-taxxa ndaqs bejn operazzjonijiet nazzjonali u dawk bejn il-fruntieri; huwa meħtieġ partikolarment li jitneħħew dawn it-taxxi fuq dawn il-pagamenti li jsiru bejn kumpaniji assoċjati fi Stati Membri differenti kif ukoll bejn stabbilimenti permanenti ta' dawn il-kumpaniji.	u sabiex ikun assigurat it-trattament tat-taxxa ndaqs bejn operazzjonijiet nazzjonali u dawk bejn il-fruntieri; huwa meħtieġ partikolarment li jitneħħew dawn it-taxxi fuq dawn il-pagamenti li jsiru bejn kumpaniji assoċjati fi Stati Membri differenti kif ukoll bejn stabbilimenti permanenti ta' dawn il-kumpaniji ***sabiex tiġi żgurata sistema semplifikata u iktar trasparenti ta' tassazzjoni***.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jeħtieġ li jkun assigurat li l-pagamenti ta' imgħax u royalties ikunu soġġetti għat-taxxa darba fi Stat Membru u li l-benefiċċji tad-Direttiva għandhom ikunu applikabbli biss meta l-introjtu li ġej mill-ħlas huwa effettivament soġġett għat-taxxa fl-Istat Membru tal-Kumpanija riċeventi jew fl-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment permanenti tar-riċevitur.	(5) Jeħtieġ li jkun assigurat li l-pagamenti ta' imgħax u royalties ikunu soġġetti għat-taxxa darba fi Stat Membru u li l-benefiċċji tad-Direttiva għandhom ikunu applikabbli biss meta l-introjtu li ġej mill-ħlas huwa effettivament soġġett għat-taxxa fl-Istat Membru tal-Kumpanija riċeventi jew fl-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment permanenti tar-riċevitur***, mingħajr ma jkun hemm il-possibilità ta' eżenzjoni jew ta' sostituzzjoni permezz tal-ħlas ta' taxxa oħra***.

Or. hu

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Pagamenti ta' imgħax u royalties li jqumu fi Stat Membru għandhom ikunu	1. Pagamenti ta' imgħax u royalties li jqumu fi Stat Membru għandhom ikunu

eżenti minn kull taxxa imposta fuq dawk il-pagamenti f'dak l-Istat Membru , sew jekk permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, iżda s-sid benefiċjarju tal-imgħax jew royalties irid ikun kumpanija ta' Stat Membru ieħor jew stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor ta' kumpanija ta' Stat Membru u huwa effettivament soġġett għat-taxxa fuq dak l-introjtu li ġej minn dawk il-pagamenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor .	eżenti minn kull taxxa imposta fuq dawk il-pagamenti f'dak l-Istat Membru , sew jekk permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, iżda s-sid benefiċjarju tal-imgħax jew royalties irid ikun kumpanija ta' Stat Membru ieħor jew stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor ta' kumpanija ta' Stat Membru u huwa effettivament soġġett għat-taxxa fuq dak l-introjtu li ġej minn dawk il-pagamenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor***, mingħajr ma jkun hemm il-possibilità ta' eżenzjoni jew ta' sostituzzjoni permezz tal-ħlas ta' taxxa oħra***.

Or. hu

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Stabbiliment permanenti għandu jkun trattat bħala dak li jħallas l-imgħax u r-royalties biss sakemm dawk il-pagamenti jirrappreżentaw spiża l mġarrba għal l-għanijiet tal-attivitajiet tal-istabbiliment permanenti.	3. Stabbiliment permanenti għandu jkun trattat bħala dak li jħallas l-imgħax u r-royalties biss sakemm dawk il-pagamenti jirrappreżentaw spiża l mġarrba għal l-għanijiet tal-attivitajiet tal-istabbiliment permanenti. ***Huwa biss stabbiliment permanenti li ħallas it-taxxi kollha dovuti li jiġi trattat bħala benefiċjarju ta' kwalunkwe eżenzjoni jew benefiċċju fiskali.***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex iħarsu l-Artikolu 1(1) u (3), l-Artikolu 2(c) u (d) u l-Anness I, Parti A sa mhux aktar tard ***mill-1 ta' Jannar 2012*** . Huma għandhom mill-ewwel jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva .	1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex iħarsu l-Artikolu 1(1) u (3), l-Artikolu 2(c) u (d) u l-Anness I, Parti A sa mhux aktar tard ***mill-31 ta' Diċembru 2014***. Huma għandhom mill-ewwel jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva .

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sal-31 ta' Diċembru *, 31 ta' Diċembru* 2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar *l- impatt* ekonomiku ta' din id-Direttiva.	Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill dwar l-impatt ekonomiku ta' din id-Direttiva.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Erba' snin wara li faqqgħet il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali, huwa ta' importanza estrema li wieħed jara b'mod ċar lejn fejn sejrin l-Istati Membri, billi jitqiesu s-soluzzjonijiet kollha possibbli biex l-Ewropa terġa' tinġieb fi triq tat-tkabbir u tal-iżvilupp.

Minn banda, huwa essenzjali li jinħolqu u jiġu implimentati politiki ġodda komuni, li permezz tagħhom se nkunu magħquda u b'saħħitna biżżejjed biex nevitaw kriżi fil-futur, iżda mill-banda l-oħra, fi żminijiet diffiċli bħal dawk li għaddejjin minnhom, għandna wkoll nerġgħu nikkunsidraw il-politiki u l-impenji eżistenti tagħna u nittestjawhom biex naraw jekk għadhomx aġġornati u adegwati biżżejjed biex jiffaċċjaw l-isfidi li għandna quddiemna.

Id-Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagament ta' imgħax u royalties magħmula bejn kumpaniji assoċjati tad-diversi Stati Membri ġiet emendata bosta drabi tul dawn l-aħħar snin, iżda għad hemm xi titjibiet tekniċu li għandhom isiru, li huma żgħar u, kif tgħid ukoll il-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni tagħha, għandhom isiru f'ġieħ iċ-ċarezza u r-responsabilità.

Meta jitqies il-fatt li l-verżjoni riformulata tad-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u dawk Sussidjarji ġiet adottata f'Settembru 2011 u li r-Rapport dwar Bażi Fiskali Komuni u Konsolidata għall-Kumpaniji ġie adottat din is-sena mill-Kumitat ECON; u wara li jitqies il-fatt li hemm stimi reċenti li juru l-evażjoni u l-evitar fiskali, li jiswew lill-gvernijiet tal-Unjoni Ewropea ammont sinifikanti ta' dħul mitluf; billi t-telf tad-dħul iżid il-livelli ta' defiċit u ta' dejn tad-diversi Stati Membri; billi l-kooperazzjoni bejn is-sistemi fiskali tad-diversi Stati Membri hija dejjem iktar mixtieqa, u huwa għalhekk meħtieġ li tiġi emendata d-Direttiva sabiex titnaqqas ulterjorment il-possibilità ta' frodi b'rabta ma' non-tassazzjoni, tassazzjoni doppja u evitar fiskali mhux intenzjonali fost l-Istati Membri, li joħolqu saħansitra iktar danni għat-tħaddim xieraq tas-suq intern, kif iddikjarat fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni adottata reċentement dwar 'kulħadd favur mezzi konkreti biex tingħeleb il-frodi fiskali u l-evażjoni fiskali'.

Fost l-emendi tar-rapporteur, id-dispożizzjonijiet dwar 'soġġett għat-taxxi' u 'stabbilimenti permanenti' għandhom l-għan li jeskludu kwalunkwe possibilità ta' evażjoni fiskali, sostituzzjoni ta' taxxi jew kwalunkwe eżenzjoni fiskali illeġittima.

Il-kwistjoni dwar ir-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni (10%) u dik dwar il-perjodi tranżitorji mhumiex modifikati bl-abbozz ta' rapport tar-rapporteur, madankollu huwa essenzjali li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-Parlament Ewropew meta tkun qed tiġi valutata l-evalwazzjoni dwar l-impatt tad-Direttiva riformulata mill-Kummissjoni.

ANNESS: ITTRA LILL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

Ref.: D(2012)12434

Is-Sa Sharon Bowles
President tal-Kumitat għall-**Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji**
ASP 10G201
Brussell

Suġġett: ***Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (tfassil mill-ġdid)***
(COM(2011)0714 – C7 0516/2011 – 2011/0314(CNS))

Għażiż President,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li għandi l-unur nippresjedi, eżamina l-proposta msemmija hawn fuq, skont it-termini tal-Artikolu 87 dwar it-Tfassil mill-Ġdid, kif iddaħħal fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

Il-Paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu jgħid hekk:

"Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jikkonkludi li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostantiv għal-leġiżlazzjoni minbarra dawk identifikati bħala tali, għandu jinforma lill-kumitat responsabbli dwar dan.

F'każ ta' dan it-tip, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 156 u 157, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli mill-kumitat responsabbli biss jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu bidliet.

Madankollu, jekk, f'konformità mal-punt 8 tal-Ftehim Interistituzzjonali, il-kumitat responsabbli jkollu l-ħsieb ukoll li jressaq emendi għall-partijiet ikkodifikati tal-proposta, għandu jinnotifika minnufih l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u din tal-aħħar għandha tinforma lill-kumitat, qabel il-votazzjoni skont l-Artikolu 54, dwar il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-emendi kif ukoll dwar jekk għandhiex il-ħsieb li tirtira l-proposta ta' riformulazzjoni."

B'segwitu għall-opinjoni tas-Servizz Legali, li r-rappreżentanti tiegħu ppartecipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv li eżamina l-proposta għal riformulazzjoni, u b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporteur għal opinjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jikkunsidra li l-proposta msemmija ma tinkludi l-ebda tibdil sostantiv ħlief dak identifikat

bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil fis-sostanza tagħhom.

Biex nikkonkludu, wara li ddiskutiha fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Marzu 2012, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, b'22 vot favur u ebda astensjoni[1], jirrakkomanda li l-Kumitat tiegħek, bħala l-kumitat responsabbli, jipproċedi biex jeżamina l-proposta msemmija hawn fuq f'konformità mal-Artikolu 87.

Dejjem tiegħek,

Klaus-Heiner LEHNE

Mehmuż: L-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv.

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Klaus-Heiner Lehne (President), Evelyn Regner (Viċi-President), Raffaele Baldassarre (Viċi-President), Françoise Castex (Viċi-President), Sebastian Valentin Bodu (Viċi-President), Luigi Berlinguer, Piotr Borys, Cristian Silviu Buşoi, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Kurt Lechner, Eva Lichtenberger, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Angelika Niebler, Bernhard Rapkay, Dagmar Roth-Behrendt, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Jacek Włosowicz, Tadeusz Zwiefka.

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, 16 ta' Jannar 2012

OPINJONI

GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW
TAL-KUNSILL
TAL-KUMMISSJONI

Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (tfassil mill-ġdid)
COM(2011)0714 tal- 11.11.2011 – 2011/0314(CNS)

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu iktar strutturat tat-teknika tat-tfassil mill-ġdid ta' atti legali, u partikolarment il-punt 9 ta' din il-Ftehima, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, li hu magħmul mis-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rispettivament, iltaqa' fis-28 ta' Novembru 2011 biex jeżaminaw, fost oħrajn, il-proposta msemmija hawn fuq ippreżentata mill-Kummissjoni.

F'din il-laqgħa[1], l-evalwazzjoni tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tfassal mill-ġdid id-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 1990 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti wasslet biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, mingħajr dissens, li l-proposta ma fiha l-ebda emenda sostantiva, għajr il-bidliet li ġew identifikati bħala tali. Il-Grupp ta' Ħidma innota wkoll, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali.

C. PENNERA	H. LEGAL	L. ROMERO REQUENA
Ġurikonsult	Ġurikonsult	Direttur Ġenerali

[1] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-verżjonijiet tal-proposta bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż u ħadem bil-verżjoni Ingliża, peress li din kienet il-verżjoni oriġinali tat-test diskuss.